27 ta' Jannar, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Axisa *versus* Giuseppe Darmanin

**Lokazzjoni — Ħanut — Att tal-Kummerċ — Kompetenza — Art. 37 (3) tal-Kap. 15**

*Jekk il-lokatur ta' fond li hu ħanut, meta kkonċeda l-lokazzjoni ta' dak il-fond, ma kellux ħsieb li jagħmel att ta' kummerċ, anki bħala parti mill-attività kummerċjali tiegħu, dik il-lokazzjoni għalih hija lokazzjoni sempliċi ta' fond, sija pure bħala ħanut, li tikkostitwixxi fil-konfront tiegħu att merament ċivili. U konseguentement kull azzjoni relattiva kontra tiegħu hija ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili.*

Il-Qorti:—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi kundannat jagħti u jikkonsenja lill-attur, fi żmien qasir u perentorju li jiġi fissat minn dina l-Onorabbli Qorti, il-ħanut f'Ħal Qormi, High Street numru 256, u dan in eżekuzzjoni tal-obligazzjoni mill-istess konvenut validament assunta lejn l-attur, meta xi ġimgħatejn ilu dana ġie mill-konvenut aċċettat bħala inkwilin tal-ħanut fuq imsemmi, u l-kontendenti flimkien ikkonkludew dwar il-kera u l-kondizzjonijiet kollha tal-lokazzjoni. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Settembru 1954, kontra l-konvenut, li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita inkompetenza;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi l-konvenut

huwa s-sid, jew almenu l-pretiż lokatur, tal-ħanut in kwistjoni, u għalhekk *għandu jiġi eżaminat jekk il-pretiża lokazzjoni* tal-konvenut hijiex att kummerċjali jew att merament ċivili;

Illi ma rriżultax mill-provi illi l-konvenut, meta ttratta mal-attur il-lokazzjoni tal-post, kellu l-ħsieb li jagħmel att tal-kummerċ, bħala parti mill-allegata attività kummerċjali tiegħu; u għalieh kienet lokazzjoni sempliċi ta' fond, sija pure bħala ħanut, illi, skond il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXIX-III-138) tikkostitwixxi, fil-konfront tal-lokatur, *att merament ċivili*, u *konsegwentement* kull azzjoni relattiva hija ta' kompetenza ta' din il-Qorti (art. 37 (3) Proċ. Ċiv.);

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza opposta mill-konvenut;

Tiddikjara illi hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

U tordna li l-kawża tiġi trattata fil-meritu fl-udjenza tal-15 *ta' April, 1955.*